| 13. ***Jaqbel*** li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu ***żgurati*** servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l- | 13. ***Jenfasizza*** li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu ***ggarantiti*** servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l- |

| | |
|---|---|
| inklużjoni soċjali; | inklużjoni soċjali; |

Or. es

**Emenda 555**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati ***servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul*** bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati ***dħul*** bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti***, kif ukoll servizzi ta' sostenn*** u ***sigurtà soċjali li jiggarantixxu*** l-inklużjoni soċjali ***tagħhom***; |

Or. pt

**Emenda 556**
**Csaba Sógor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu ***żgurati*** servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu ***appoġġjati permezz ta'*** servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 557**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul ***bażiku*** li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn ***individwalizzati pprovduti minn professjonisti kwalifikati tajjeb,*** u sigurtà tad-dħul ***adegwat*** li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 558**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Flavio Zanonato, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul ***bażiku*** li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn ***individwalizzati pprovduti minn professjonisti kwalifikati b'mod adegwat*** u sigurtà tad-dħul li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***b'appoġġ adegwat anke meta jaċċettaw xogħol bi ħlas; jistenna li l-Kummissjoni ssegwi malajr ir-riżoluzzjoni riċenti tal-Parlament dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 559**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku ***li jippermetti*** livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u ***skema ta'*** sigurtà tad-dħul bażiku ***u forom oħra ta' appoġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali billi jikkontribwixxu għal*** livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 560**
**Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti ***u l-inklużjoni*** soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti***, inklużjoni*** soċjali ***u d-dritt ta' għajxien indipendenti***; |

Or. en

**Emenda 561**
**Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn***, ipprovduti minn professjonisti kwalifikati b'mod adegwat*** u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***jirrikonoxxi li l-benefiċċji tad-diżabilità għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiġu żviluppati b'mod li kemm jinkoraġġixxi l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll jiżgura standard tal-għajxien deċenti fil-komunità;*** |

Or. en

**Emenda 562**
**Marian Harkin, Ivo Vajgl**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn ***individwalizzati*** u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***jirrikonoxxi li l-benefiċċji tad-diżabilità għandhom jiġu żviluppati b'mod li kemm jinkoraġġixxi l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll jiżgura standard tal-għajxien deċenti fil-komunità;*** |

Or. en

**Emenda 563**
**Notis Marias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn***, aċċess għas-suq tax-xogħol u għall-attività soċjali*** u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; |

Or. el

**Emenda 564**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali***, mingħajr preġudizzju għad-differenzjazzjoni pożittiva li tgħinhom jiksbu aċċess għax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi li jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lil persuni b'diżabilità tul il-karriera skolastika u akkademika tagħhom, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli li jiffaċċjaw fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, irrispettivament mil-livell tal-edukazzjoni jew il-kors***; |

Or. pt

**Emenda 565**
**Kostadinka Kuneva**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***huwa tal-opinjoni li l-politiki tal-UE biex jgħinu persuni b'diżabilità għandhom jgħinuhom ikollhom ħajja indipendenti, f'konformità mal-Konvenzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;*** |

Or. el

**Emenda 566**
**Georgi Pirinski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***jirrikonoxxi li l-benefiċċji tad-diżabilità għandhom jiġu żviluppati b'mod li kemm jinkoraġġixxi l-aċċess għas-suq tax-xogħol kif ukoll jiżgura standard tal-għajxien deċenti fil-komunità;*** |

Or. en

**Emenda 567**
**Enrico Gasbarra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; | 13. Jaqbel li l-persuni kollha b'diżabilità jridu jiġu żgurati servizzi ta' sostenn u sigurtà tad-dħul bażiku li jippermetti livell ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni soċjali; ***jitlob li l-Kummissjoni tiżgura li l-kriterju tal-aċċessibbiltà jsir kunsiderazzjoni trażversali fl-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni Komunitarja;*** |

Or. it

**Emenda 568**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għaż-żieda fin-numru ta' ħaddiema b'kundizzjonijiet/mard kroniku, b'mod speċjali fir-rigward ta' mard muskoloskeletali (MSD), u għall-ħtieġa li l-impjegaturi jiġu inkoraġġiti u appoġġjati jagħmlu akkomodazzjoni raġonevoli fl-ambjent tax-xogħol tagħhom, sabiex jipprevjenu dawn il-kundizzjonijiet milli jiħżienu u jipprovdu skop għal awtoġestjoni appoġġjata;*** |

Or. nl

**Emenda 569**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 570**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 571**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; ***jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali***; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; ***jistieden lill-Istati Membri jiffukaw aktar fuq il-kura fit-tul u, f'konnessjoni mal-integrazzjoni, biex jippromwovu l-kondiviżjoni u l-adozzjoni ta' prattiki tajba***; |

Or. nl

**Emenda 572**
**Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' ***bl-għajnuna*** ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx ***għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati***; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' ***bl-appoġġ*** ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li ***servizzi pubbliċi ta' kwalità u tnaqqis tat-taxxa għandhom ikunu disponibbli għall-familji, b'mod partikolari*** l-familji bi dħul baxx***, biex jiġi evitat ir-riskju ta' faqar***; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 573**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Evelyn Regner, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; ***jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta'*** servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal- | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; ***jinnota bi tħassib li d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' kura fit-tul jibqgħu problema ewlenija madwar l-Ewropa, bil-persuni li jindukraw fil-familja b'mod informali*** |

persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali;

***jispiċċaw maqbuda u ma jkunux jistgħu jkomplu jsegwu l-karrieri tagħhom; jiddeplora l-abbużi frekwenti tal-persuni li jindukraw li jiġu impjegati permezz ta' aġenziji tax-xogħol jew fuq bażi informali; jemmen li għalhekk għandhom jiddaħħlu fis-seħħ*** servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati ***għall-familji, b'mod partikolari dawk li jgħixu fuq dħul baxx, biex tiġi evitata l-istituzzjonalizzazzjoni u r-riskju ta' faqar***; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; ***jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjan ta' azzjoni konkret f'dan il-qasam;***

Or. en

**Emenda 574**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, ***inkluża l-kura domiċiljari,*** bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji ***bi dħul baxx*** għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi ***u tnaqqis tat-taxxa*** adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 575**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ***ta' kwalità u affordabbli***, inkluża l-kura domiċiljari, ***bħala*** dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati ***b'mod adegwat*** impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni ***adegwata*** u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis ***li*** l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul, inkluża l-kura domiċiljari, ***għandu jkun iggarantit taħt sistemi tas-saħħa pubblika universali mingħajr ħlas ta' kwalità għolja, billi dan huwa*** dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li ***l-familji, u*** l-familji bi dħul baxx ***b'mod partikolari,*** għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni ***deċenti*** u protezzjoni soċjali; |

Or. pt

**Emenda 576**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' ***bl-għajnuna*** ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal ***leġiżlazzjoni*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' ***bl-appoġġ*** ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati ***biex tiġi evitata l-istituzzjonalizzazzjoni u r-riskju tal-faqar***; itenni t-talba tiegħu għal ***direttiva*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw |

| | |
|---|---|
| soċjali; | akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 577**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Iqis*** l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, ***bħala*** dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. ***Jemmen bis-sħiħ li*** l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, ***huwa*** dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. it

**Emenda 578**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u |

| | |
|---|---|
| tnaqqis tat-taxxa adegwati; ***itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw ***akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali***; | tnaqqis tat-taxxa adegwati; ***jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw; |

Or. en

**Emenda 579**
**Claude Rolin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u ***tnaqqis tat-taxxa*** adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u ***għajnuna*** adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. fr

**Emenda 580**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt |

| | |
|---|---|
| kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal ***leġiżlazzjoni*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw ***akkumpanjata*** b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal ***miżuri rilevanti*** dwar il-liv tal-persuni li jindukraw ***akkumpanjati*** b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 581**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess ***universali*** għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli ***bbażati fil-komunità u skemi ta' għajxien indipendenti***, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 582**
**Ian Hudghton**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu ***jitwassal minn korpi pubbliċi b'riżorsi adegwati u*** jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 583**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw ***il-familja b'mod mhux kummerċjali*** akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata u protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 584**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata ***u*** protezzjoni soċjali; | 14. Iqis l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli, inkluża l-kura domiċiljari, bħala dritt li għandu jintlaqa' bl-għajnuna ta' professjonisti kwalifikati b'mod adegwat impjegati taħt kundizzjonijiet deċenti; jemmen li l-familji bi dħul baxx għandhom għalhekk jiġu indirizzati permezz ta' servizzi pubbliċi u tnaqqis tat-taxxa adegwati; itenni t-talba tiegħu għal leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-persuni li jindukraw akkumpanjata b'remunerazzjoni adegwata**,** protezzjoni soċjali***, u taħriġ***; |

Or. pt

**Emenda 585**
**Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miri dwar il-kura għal persuni anzjani, persuni b'diżabilità u dipendenti oħra, simili għall-miri ta' Barċellona, b'għodod ta' monitoraġġ li għandhom ikejlu l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà; jistieden lill-Eurostat, lill-Eurofound u lill-EIGE (għall-Indiċi Bejn is-Sessi tiegħu), biex jiġbru data rilevanti u jwettqu studji biex jappoġġjaw dan ix-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 586**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jemmen bis-sħiħ li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-dritt li jiddeterminaw l-istil tal-ħajja tagħhom stess billi jiġi ggarantit li huma jista' jgħixu ħajja indipendenti u jingħataw l-għajnuna meħtieġa permezz tal-għoti ta' status professjonali lill-persuni li jindukraw li huma mħarrġa li jipprovdu servizzi ta' kwalità;*** |

Or. it

**Emenda 587**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 588**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha ***l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati*** Membri ***kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta***; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha ***l-Istati Membri u l-UE għandhom jieħdu azzjoni urġenti; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati*** Membri ***dwar l-aġenda tal-UE għad-drittijiet tat-tfal li tinkludi 11-il azzjoni konkreta fejn l-UE tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-benessri u s-sikurezza tat-tfal***; |

Or. en

**Emenda 589**
**Enrique Calvet Chambon, Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar ***fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija*** li ***dwarha*** l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; ***jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati*** Membri ***kollha***, b'tali mod li kull tifel u tifla ***li bħalissa qegħdin jgħixu*** fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas***, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta***; | 15. Iqis li l-faqar ***u l-inugwaljanzi huma kwistjonijiet ewlenin*** li ***dwarhom*** l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; ***iqis li d-dritt għal edukazzjoni, saħħa u sistemi tas-sigurtà soċjali mingħajr ħlas u universali bħala kundizzjonijiet bażiċi fil-ġlieda kontra l-faqar, b'mod partikolari fost it-tfal; filwaqt li jqis dan l-objettiv, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati*** Membri, ***fid-dawl tad-dgħufija tas-servizzi pubbliċi, jintroduċu garanzija għat-tfal*** b'tali mod li kull tifel u tifla fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas ***u nutrizzjoni adegwata, bħala parti mill-pjan integrat Ewropew li jiġġieled il-faqar fost it-tfal inkluż kemm il-Garanzija għat-Tfal kif ukoll il-programmi li joffru appoġġ u opportunitajiet għall-ġenituri*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***biex joħorġu minn sitwazzjonijiet ta' esklużjoni soċjali u jintegraw fis-suq tax-xogħol***; |

Or. en

**Emenda 590**
**Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li ***l-faqar*** fost it-tfal ***bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni ***u kura tat-tfal*** mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li ***l-livelli tal-faqar*** fost it-tfal ***irrapportati mill-Eurostat bħala għoljin b'mod mhux aċċettabbli***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni***, inkluż l-edukazzjoni bikrija tat-tfal,*** mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; ***jitlob li jkun hemm sistemi integrati u sostenibbli għall-protezzjoni tat-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 591**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li*** kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ***ikollhom*** | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod rapidu miżuri li jiggarantixxu lil*** kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ***l-aċċess*** għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u |

***aċċess*** għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal ***mingħajr ħlas****,* akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

kura tat-tfal ***aċċessibbli****,* akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

Or. en

**Emenda 592**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-implimentazzjoni rapida ta'*** Garanzija għat-Tfal ***fl-Istati*** Membri kollha*,* ***b'tali mod*** li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***lill-Kummissjoni tfassal u tistabbilixxi*** Garanzija għat-Tfal ***biex tiġi implimentata mill-Istati*** Membri kollha*,* ***inkluż arranġamenti ta' appoġġ speċifiċi komuni li jiżguraw*** li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. pt

**Emenda 593**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-implimentazzjoni rapida ta'*** Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha*,* ***b'tali mod li*** kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-istabbiliment rapidu tal-hekk imsejħa*** Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha*,* ***li tkun tippermetti li*** kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil- |

| | |
|---|---|
| aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti ***u*** nutrizzjoni adatta; | faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti**,** nutrizzjoni adatta ***u għajnuna kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza***; |

Or. en

**Emenda 594**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ***ta' Garanzija għat-Tfal*** fl-Istati Membri kollha**,** b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa**,** edukazzjoni ***u*** kura tat-tfal ***mingħajr ħlas***, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ***tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Investiment fit-Tfal*** fl-Istati Membri kollha ***u biex jiżviluppaw u jintroduċu inizjattivi meħtieġa oħra*** b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa ***u*** edukazzjoni ***mingħajr ħlas,*** kura tat-tfal, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. en

**Emenda 595**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-implimentazzjoni*** rapida ***ta' Garanzija għat-Tfal*** fl-Istati Membri | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-ġlieda*** rapida ***kontra l-faqar fost it-tfal*** fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li |

| | |
|---|---|
| kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. de

**Emenda 596**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal*** fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella ***għall-protezzjoni kontra l-faqar fost it-tfal*** fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. de

**Emenda 597**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Evelyn Regner, Flavio Zanonato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar ***minħabba l-potenzjal ovvju ta' impatt pożittiv kbir*** |

għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu ***fil-faqar*** ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

***fuq l-iżvilupp tat-tfal, il-prospetti tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis tal-iżvantaġġ soċjali li jintiret***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu ***fir-riskju ta' faqar*** ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; ***jenfasizza l-importanza tal-kura ta' qabel it-twelid u tal-iżvilupp bikri tat-tfal; jitlob li jkunn hemm sistemi edukattivi inklussivi fil-livelli kollha, inkluż kura wara l-iskola; jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal tkun teħtieġ finanzjament adegwat fil-livell nazzjonali u Ewropew, li possibbilment jinvolvi żieda fil-Fond Soċjali Ewropew u/jew appoġġ minn strument ta' konverġenza ġdid għaż-żona tal-euro; jitlob li l-investimenti pubbliċi nazzjonali fil-Garanzija għat-Tfal jiġu kkunsidrati f'"regola tal-fidda dwar l-investiment soċjali" taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;***

Or. en

**Emenda 598**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar ***fost it-tfal*** bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar bħala kwistjoni ewlenija***, b'mod speċjali l-faqar fost it-tfal,*** li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar***; billi jqis it-tliet indikaturi kollha tal-faqar tal-Istrateġija Ewropa 2020 (faqar ta' introjtu, privazzjoni materjali severa jew għajxien f'familja b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna)***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u |

tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

Or. en

**Emenda 599**
**Notis Marias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal ***bħala*** kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi ***fuq skala akbar***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal***, li żdied b'mod rapidu f'ċerti Stati Membri tal-UE bħall-Greċja, huwa*** kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi ***b'mod immedjat***; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. el

**Emenda 600**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ***tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Investiment fit-*** |

mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu ***fil-faqar*** ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

***Tfal u*** ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu ***fir-riskju ta' faqar*** ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa ***mingħajr ħlas***, edukazzjoni ***mingħajr ħlas*** u ***inklussiva,*** kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

Or. en

**Emenda 601**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, ***ikliet fl-iskola primarja mingħajr ħlas,*** akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; |

Or. en

**Emenda 602**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta;

Or. pt

**Emenda 603**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; | 15. Iqis li l-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala akbar; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fil-faqar ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa, edukazzjoni u kura tat-tfal mingħajr ħlas, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; ***jenfasizza l-ħtieġa għal xbieki ta' sikurezza soċjali effiċjenti għall-ġenituri li jinsabu fil-faqar fost dawk li jaħdmu jew li huma esklużi mis-suq tax-xogħol; jieħu nota tal-inugwaljanza li qed tiżdied fl-Ewropa fil-faqar fost it-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 604**
**Sorin Moisă**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jenfasizza r-rabta bejn l-akkomodazzjoni u l-impjieg u jitlob li l-*** |

***akkomodazzjoni tinżamm fost il-prijoritajiet ta' investiment tal-Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-ġejjieni, sabiex l-akkomodazzjoni tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE b'fokus partikolari fuq dawk mingħajr riżorsi ekonomiċi adegwati u bi tfal jgħixu fil-faqar;***

Or. en

**Emenda 605**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet biex jiggarantixxu liċ-ċittadini kollha tal-UE drittijiet soċjali bażiċi, bħad-dritt għall-akkomodazzjoni, u jikkontribwixxu biex jiżguraw li l-kunċett universali tad-dinjità tal-bniedem jiġi rifless f'kull ħin fil-ħajja ta' kull individwu;*** |

Or. it

**Emenda 606**
**Enrico Gasbarra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jitlob li l-attenzjoni tiġi ffukata fuq faqar ġdid, bħal fost adulti vulnerabbli, familji fir-riskju tal-faqar u ħaddiema bi dħul baxx, li għalihom għandhom jitfasslu strumenti preventivi u proattivi innovattivi bħala parti mill-*** |

*politiki soċjali Ewropej;*

Or. it

**Emenda 607**
**Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv il-miri ta' Barċellona sal-2020 u japprovaw il-qafas ta' kwalità tal-2014 dwar l-edukazzjoni bikrija u l-indukrar tat-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 608**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jitlob għal leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob għal inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob għal użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 609**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jitlob għal leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob għal inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob għal użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 610**
**Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***16. Jitlob għal leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob għal inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob għal użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 611**
**Morten Løkkegaard, Ulrike Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn***, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob għal inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom***; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. en

**Emenda 612**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jitlob għal leġiżlazzjoni biex tiżgura li*** l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. ***Jistieden lill-Istati Membri jiffukaw aktar fuq*** l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew ***biex jiżguraw li*** benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, ***b'mod partikolari l-persuni żgħażagħ mingħajr dar,*** u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; ***jistieden lill-Istati Membri wkoll, f'konnessjoni mal-integrazzjoni, biex jippromwovu l-kondiviżjoni u l-adozzjoni ta' prattiki tajba;*** jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi |

dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;

Or. nl

**Emenda 613**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Miapetra Kumpula-Natri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni ***soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn***, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi ***fiskali*** biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni ***għal kulħadd***, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli***, familji*** u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS***, il-FEŻR u l-FSE*** biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. en

**Emenda 614**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jitlob għal leġiżlazzjoni*** biex ***tiżgura*** li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t- | 16. ***Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri*** biex ***jiżguraw*** li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti |

tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; ***jitlob għal użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;***

kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali ***mingħand l-Istati Membri*** biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom;

Or. en

**Emenda 615**
**Marian Harkin, Ivo Vajgl**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal leġiżlazzjoni*** biex ***tiżgura*** li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ***ovvjament*** inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***lill-Istati Membri*** biex ***jiżguraw*** li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. en

**Emenda 616**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jitlob għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni | 16. ***Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u affordabbli*** |

adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ***ovvjament*** inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal inċentivi fiskali*** biex ***jgħinu*** liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;

***ta' daqs adegwat għal kulħadd, biex tiġi evitata u mnaqqsa l-problema ta' persuni mingħajr dar bil-ħsieb tal-eliminazzjoni gradwali tagħha; jistedinhom iwettqu d-dritt għal akkomodazzjoni adegwata permezz ta'*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; ***jenfasizza l-ħtieġa għal analiżi komparattiva, monitoraġġ, skambju transnazzjonali, tagħlim reċiproku, u appoġġ għall-innovazzjoni soċjali f'dan il-kuntest;*** jitlob ***li jkun hemm approċċ li jappoġġja l-indipendenza fir-rigward tal-akkomodazzjoni għaż-żgħażagħ,*** biex ***jgħin*** liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom***, pereżempju permezz ta' inċentivi fiskali***; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; ***jitlob li jkun hemm dispożizzjonijiet u inċentivi mmirati biex jiġi żviluppat is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali f'makroreġjuni fejn mhumiex biżżejjed jew ma jeżistux;***

Or. en

**Emenda 617**
**Maria João Rodrigues, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Evelyn Regner, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jitlob għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni | 16. ***Jistieden lill-Istati Membri jwettqu d-dritt għal akkomodazzjoni adegwata fost l-oħrajn permezz ta'*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni |

mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ*** bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;

adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm miżuri konkreti biex tiġi evitata u mnaqqsa l-problema tal-persuni mingħajr dar bil-ħsieb li tiġi eliminata b'mod gradwali, fuq il-bażi ta' kombinazzjoni ta' provvista ta' akkomodazzjoni ma' servizzi soċjali rilevanti li jappoġġjaw l-inklużjoni soċjali u ekonomika; ifakkar li l-ħtieġa dejjem tiżdied ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni ta' familji bi dħul baxx u medju hija relatata mill-qrib mal-prekarjetà dejjem tiżdied fis-suq tax-xogħol u mal-inugwaljanzi fid-dħul; jitlob li ż-żgħażagħ*** bi dħul baxx ***jiġu megħjuna biex*** irabbu l-familja tagħhom; ***jenfasizza l-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali effiċjenti fl-enerġija bħala sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd fl-impjiegi, l-ambjent, it-tnaqqis fil-prekarjetà enerġetika u t-twettiq tad-drittijiet soċjali;*** jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli***, aċċessibbli u effiċjenti fl-enerġija***;

Or. en

**Emenda 618**
**Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli u familji foqra***, bħar-Rom,*** ikunu protetti kontra t-tkeċċija; |

jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;

jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

**Emenda 619**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex ***jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u*** l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex ***tiġi appoġġjata*** l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. pt

**Emenda 620**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil- | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni ***nazzjonali*** biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti |

| | |
|---|---|
| bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. en

**Emenda 621**
**Kostadinka Kuneva**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; ***jitlob biex id-dritt għall-akkomodazzjoni jiġi protett mill-irkantar tad-djar minħabba nuqqas fl-obbligu ta' ipoteka minn familji li manifestament ma jistgħux jagħmlu l-ħlasijiet;*** jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; |

Or. el

**Emenda 622**
**Francesc Gambús**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli ***u dinjituża***; ***jemmen li huwa meħtieġ li titqies l-applikazzjoni ta' żieda fit-taxxa fuq l-akkomodazzjoni li tkun baqgħet mhux okkupata għal perjodu twil, sabiex tiġi inkoraġġita l-integrazzjoni tagħha fis-suq tad-djar;*** |

Or. es

**Emenda 623**
**Agnes Jongerius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob ***għal*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***għal*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***għal*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi appoġġjat it-tiġdid urban u l- | 16. Jitlob ***li jkun hemm*** leġiżlazzjoni biex tiżgura li l-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew benefiċċji tal-akkomodazzjoni adegwati jiġu pprovduti għal dawk fil-bżonn, ovvjament inklużi l-persuni mingħajr dar, u li persuni vulnerabbli u familji foqra jkunu protetti kontra t-tkeċċija; jitlob ***li jkun hemm*** inċentivi fiskali biex jgħinu liż-żgħażagħ bi dħul baxx irabbu l-familja tagħhom; jitlob ***li jkun hemm*** użu akbar tal-FEIS biex jiġi |

| | |
|---|---|
| provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; | appoġġjat it-tiġdid urban u l-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli; ***jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-Pakkett Almunia u tiżgura li l-akkomodazzjoni soċjali kollha titqies bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali***; |

Or. en

**Emenda 624**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza li soluzzjoni possibbli hija li jitnaqqsu l-ipoteki u l-kera għall-familji li jgħixu fi djar inadegwati bħala inċentiv u mezz kif jingħataw is-setgħa li minflok jonfqu l-flus biex jirranġaw mill-ġdid u jtejbu djarhom; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu li l-ewwel dar ma tkunx tista' tiġi ssekwestrata, biex b'hekk ikun obbligatorju li jiġi protett id-dritt għall-akkomodazzjoni taċ-ċittadini tal-UE;*** |

Or. it

**Emenda 625**
**Arne Gericke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza l-vulnerabbiltà soċjali partikolari tal-familji, li huma l-unità fundamentali tas-soċjetà u l-punt tat-tluq għal azzjoni sussidjarja; jitlob li jitqies b'mod partikolari t-tħassib ġustifikat tal-ġenituri, għar-rikonoxximent ta' dak li*** |

***jikkontribwixxu lis-soċjetà, u għal strateġija tal-familja mhux leġiżlattiva li tiġbor fil-qosor il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi kollha tal-familja;***

Or. de

**Emenda 626**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza li l-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali effiċjenti fl-enerġija hija sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd fl-ambjent filwaqt li tiggarantixxi d-drittijiet soċjali li jista' jkollhom impatt reali fuq l-indirizzar tal-prekarjetà enerġetika; iqis li dan għandu jiġi kkombinat ma' strateġija li tiżgura pprezzar ġust adattat għad-dħul attwali, u għandha tipprojbixxi l-limiti għal familji vulnerabbli;*** |

Or. en

**Emenda 627**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jirrimarka li 22 348 834 familja (li jirrappreżentaw madwar 11 % tal-popolazzjoni tal-UE) jonfqu aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħhom biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni; jinnota li bħala parti mis-Semestru Ewropew, l-ispejjeż*** |

| | |
|---|---|
| | ***eċċessivi tal-akkomodazzjoni ġew identifikati bħala xejra soċjetali li għandha tiġi mmonitorjata, u li 21 924 491 familja (li jirrappreżentaw madwar 10.8 % tal-popolazzjoni tal-UE) qed isibuha diffiċli biex iżommu darhom f'temperatura aċċettabbli; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jidentifikaw, jimplimentaw u jkomplu miżuri li jippermettuhom ilaħħqu ma' dawk l-ispejjeż, inkluż l-allowances għall-akkomodazzjoni;*** |

Or. it

**Emenda 628**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 629**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal*** | ***imħassar*** |

***servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali;***

Or. en

**Emenda 630**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali ***affordabbli u ta' kwalità*** ta' interess ġenerali ***u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji***; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali ta' interess ġenerali; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. de

**Emenda 631**
**Anne Sander**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. ***Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-importanza li jiġi żgurat*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika ***u, b'mod speċjali, l-aċċess għal broadband b'veloċità qawwija ħafna, imma wkoll*** l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji***, b'mod partikolari*** |

***f'żoni rurali li jeħtieġu aktar appoġġ sabiex jimmodernizzaw u jkomplu jespandu l-infrastruttura tagħhom***; ***jenfasizza r-rwol kruċjali li għandhom l-SMEs, b'mod partikolari f'żoni rurali, biex iżommu u jiżviluppaw id-dinamiżmu u l-appell ekonomiku ta' dawn iż-żoni;*** jenfasizza ***wkoll*** ir-rwol tal-intrapriżi soċjali;

Or. fr

**Emenda 632**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni*** li ***tiżgura*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. ***Jistieden lill-Istati Membri jiffukaw aktar fuq*** li ***jiżguraw*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; ***jistieden lill-Istati Membri wkoll, f'konnessjoni mal-integrazzjoni, biex jippromwovu l-kondiviżjoni u l-adozzjoni ta' prattiki tajba;*** jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. nl

**Emenda 633**
**Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Morten Løkkegaard, Ulrike Müller, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm ***leġiżlazzjoni*** li | 17. Jitlob li jkun hemm ***miżuri*** li |

| | |
|---|---|
| ***tiżgura*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | ***jiżguraw*** aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. en

**Emenda 634**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ***ġust*** għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura ***d-disponibbiltà ta' u*** aċċess għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli***, aċċessibbli*** u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol ***tal-fornituri fis-settur pubbliku mgħammra tajjeb u b'numru tajjeb ta' persunal,*** tal-intrapriżi soċjali ***u tal-organizzazzjonijiet mhux għall-profitti fil-forniment ta' dawn is-servizzi***; |

Or. en

**Emenda 635**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li*** tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' | 17. ***Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-leġiżlazzjoni eżistenti u tikkumplimentaha fejn meħtieġ, sabiex*** |

| | |
|---|---|
| interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. en

**Emenda 636**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; ***jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali;*** | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; |

Or. pt

**Emenda 637**
**Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ***ġust*** għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ***universali*** għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; ***Jitlob li jkun hemm*** |

***leġiżlazzjoni li telimina l-inċertezzi legali eżistenti li jesperjenzaw l-awtoritajiet pubbliċi billi tiddefinixxi aħjar u tirrikonoxxi l-karattru speċifiku tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (ibbażata, fost l-oħrajn, fuq sentenzi tal-qorti bħal fil-Kawża C-113/13 tal-11 ta' Diċembru 2014) sabiex tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx fl-istandards tas-servizzi soċjali u tiġi evitata d-dominazzjoni dejjem tiżdied ta' interessi bi skop ta' qligħ;***

Or. en

**Emenda 638**
**Verónica Lope Fontagné, Ramón Luis Valcárcel Siso, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol ***tal-intrapriżi*** soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol ***li għandhom l-intrapriżi tal-ekonomija*** soċjali ***fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u fl-integrazzjoni tal-gruppi l-aktar żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol***; ***jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-kura għall-anzjani, b'mod speċjali f'irħula u villaġġi żgħar, minħabba l-bażi lokali u reġjonali tagħhom;*** |

Or. es

**Emenda 639**
**Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, ***bħall-komunikazzjoni*** elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ***universali*** ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali ***ta' interess ġenerali***, ***bħall-provvista tal-ilma, l-immaniġġjar tal-iskart, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-komunikazzjoni*** elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. en

**Emenda 640**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni ***nazzjonali*** li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport ***pubbliku*** u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. en

**Emenda 641**
**Georgi Pirinski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità***, aċċessibbli u disponibbli*** ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; |

Or. en

**Emenda 642**
**Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; ***ifakkar fil-potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi tal-provvista ta' servizzi soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 643**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol ***utli ħafna***tal-intrapriżi soċjali ***u tal-organizzazzjonijiet mhux għall-profitt f'dan il-kuntest minħabba li l-objettiv primarju tagħhom mhux il-massimizzazzjoni tal-profitti finanzjarji imma l-impatt soċjali pożittiv***; |

Or. en

**Emenda 644**
**Jens Nilsson, Elena Gentile, Sven Giegold, Ramón Luis Valcárcel Siso, Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali ***fil-provvista ta' dawn is-servizzi***; |

Or. en

**Emenda 645**
**Kostadinka Kuneva**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi soċjali; | 17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċess ġust għal kulħadd għal servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità ta' interess ġenerali u ta' servizzi oħra essenzjali, bħall-komunikazzjoni elettronika, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi finanzjarji; jenfasizza r-rwol tal-intrapriżi ***u l-organizzazzjonijiet*** soċjali ***li jifformaw parti mill-ekonomija soċjali u solidali;*** |

Or. el

**Emenda 646**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjonijiet li jabolixxu kull forma ta' kriminalizzazzjoni tal-faqar bħas-sanzjonar inġust tal-problema ta' persuni mingħajr dar, tal-prekarjetà enerġetika, jew forom oħra ta' privazzjoni materjali;*** |

Or. en

**Emenda 647**
**Javi López, Jonás Fernández, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Ifakkar li l-problema tad-Dejn Żejjed tal-Konsumaturi hija problema b'kawżi u konsegwenzi soċjali li*** |

| | |
|---|---|
| | ***"għandha dimensjoni Ewropea", kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni fir-rapport "Towards an operational common European definition of over-indebtedness" (Lejn definizzjoni operazzjonali Ewropea komuni ta' dejn żejjed) ippubblikat fl-2008; għandu l-istess fehma espressa fir-Rapport li nħareġ reċentement mill-Kummissjoni "Study on a new approach to business failure and insolvency" (Studju dwar approċċ ġdid għall-falliment u l-insolvenza tan-negozju) li r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2014 kellha l-għan tiffaċilita r-ristrutturar effiċjenti ta' intrapriżi vijabbli f'diffikultà finanzjarja u tagħti t-tieni opportunità lil Imprendituri onesti, tista' tkun rilevanti wkoll għat-trattament tad-Dejn Żejjed tal-Konsumaturi, fejn l-għan huwa li l-Konsumatur jiġi mgħejjun jirkupra u jingħata "bidu ġdid"; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, fejn id-Dejn Żejjed tal-Konsumaturi ma jistax jiġi evitat, li ċ-ċirkostanzi relatati ta' esklużjoni finanzjarja u soċjali huma mmitigati bit-tqegħid fis-seħħ ta' mekkaniżmi li jappoġġjaw lid-debitur, inkluż l-opportunità għat-tieni ċans, jew "bidu ġdid" kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2014;*** |

Or. en

**Emenda 648**
**Verónica Lope Fontagné, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Jappella li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu aktar valur ekonomiku u soċjali aktar mill-prezz l-aktar baxx, filwaqt li jiġu inklużi kriterji*** |

| | |
|---|---|
| | ***soċjali jew ambjentali fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku;*** |

Or. es

**Emenda 649**
**Verónica Lope Fontagné, Ramón Luis Valcárcel Siso, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jirrikonoxxu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali; iqis li n-nuqqas attwali ta' rikonoxximent jagħmilha aktar diffiċli għalihom li jaċċessaw il-finanzjament; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni Ewropea tqis l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali b'mod li jkunu jistgħu joperaw bl-istess kundizzjonijiet bħal tipi oħra ta' intrapriżi; jistieden lill-Kummissjoni tressaq qafas legali għall-intrapriżi soċjali permezz ta' statut Ewropew għall-kooperattivi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi mutwi;*** |

Or. es

**Emenda 650**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 651**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***18.*** Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; ***jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 652**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21,*** inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. ***Jistieden lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jidentifikaw firxa wiesgħa ta' industriji emerġenti u setturi ewlenin ta' tkabbir li l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuqhom biex jiżviluppaw il-bażi ta' ħiliet tagħhom*** inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 653**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja ***Garanzija tal-Ħiliet*** bħala ***dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet*** fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja ***l-akkwist ta' għarfien diġitali*** bħala ***ħila*** fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. de

**Emenda 654**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja ***Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal*** kulħadd ***biex*** jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja ***l-aċċess imfassal apposta u aktar faċli għall-ħiliet sabiex*** kulħadd ***ikun jista'*** jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. de

**Emenda 655**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex*** jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. ***Huwa favur li kulħadd ikun jista'*** jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. de

**Emenda 656**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala ***dritt ġdid għal kulħadd*** biex ***jikseb*** ħiliet fundamentali għas-seklu 21***, inkluż il-litteriżmu*** diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja ***l-ħolqien ta'*** Garanzija tal-Ħiliet bħala ***strument biex jgħin lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet*** biex ***jiksbu*** ħiliet fundamentali għas-seklu 21 ***bħal kompetenzi ewlenin fil-litteriżmu, fin-numeriżmu u fil-ħiliet*** diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ ***implimentazzjoni xierqa u*** finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 657**
**Maria João Rodrigues, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li ***dan huwa*** investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; ***jenfasizza li s-sistemi edukattivi għandhom ikunu inklussivi, jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità tajba b'mod ġust għall-popolazzjoni kollha, iwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, jippermettu lin-nies ikunu ċittadini Ewropej attivi u jħejjuhom biex ikunu kapaċi jitgħallmu u jadattaw tul ħajjithom; iqis li t-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja għandha tkun obbligatorja fl-*** |

***Ewropa tas-seklu 21 u li għandhom jidħlu fis-seħħ programmi rilevanti biex jagħtu ċans ġdid liż-żgħażagħ kollha li ma jkunux komplew l-iskola primarja jew sekondarja; iqis li l-Garanzija tal-Ħiliet għandha tinvolvi valutazzjoni individwalizzata tal-ħtiġijiet ta' tagħlim, offerta ta' tagħlim ta' kwalità kif ukoll validazzjoni sistematika tal-ħiliet u l-kompetenzi miskuba, li tippermetti r-rikonoxximent faċli tagħhom fis-suq tax-xogħol;*** jenfasizza li ***l-Garanzija tal-Ħiliet hija*** investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat ***fil-livell nazzjonali u Ewropew, possibbilment bl-involviment ta' żieda fil-Fond Soċjali Ewropew u/jew appoġġ minn strument ta' konverġenza ġdid għaż-żona tal-euro; jitlob li l-investimenti pubbliċi nazzjonali fil-Garanzija tal-Ħiliet jitqiesu f'"regola tal-fidda dwar l-investiment soċjali" taħt il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir***;

Or. en

**Emenda 658**
**Csaba Sógor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. ***Iqis li fid-dinja dejjem iżjed diġitalizzata tagħna, il-persuni bi kwalifiki baxxi mhux biss għandhom opportunitajiet ta' xogħol imnaqqsa, imma huma wkoll aktar vulnerabbli għall-qgħad fit-tul u għandhom aktar diffikultajiet biex jaċċessaw is-servizzi u biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, sitwazzjoni li mhix biss detrimentali għall-individwu imma tiswa ħafna wkoll lill-ekonomija u lis-soċjetà inġenerali; għalhekk*** jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż |

il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat;

Or. en

**Emenda 659**
**Enrico Gasbarra**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; ***jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat il-litteriżmu diġitali għall-gruppi soċjali żvantaġġjati, jiġbed l-attenzjoni għall-impenn li għamlet l-UE għal dak il-għan meta ffirmat it-Trattat ta' Marrakesh dwar l-Aċċess għall-Pubblikazzjonijiet għall-Persuni Neqsin mid-Dawl u b'Vista Batuta, u jittama li l-UE tirratifika dak it-Trattat kemm jista' jkun malajr u mingħajr aktar dewmien żejjed;*** |

Or. it

**Emenda 660**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa |

| | |
|---|---|
| investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; ***il-Garanzija tal-Ħiliet għandha tkopri l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini Ewropej "ġodda", bħall-applikanti għall-asil u l-migranti, biex tiżgura l-integrazzjoni b'suċċess u malajr tagħhom fis-soċjetà Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 661**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; ***jenfasizza li biex tiżdied ir-rata globali ta' impjieg huwa meħtieġ b'urġenza li jitjiebu l-ħiliet diġitali tal-ħaddiema kollha u tal-persuni li qed ifittxu l-impjieg fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 662**
**Anne Sander**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd***, f'kull stadju tal-ħajja,*** biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat |

| | |
|---|---|
| | ***sabiex il-ħiliet li għandhom in-nies isiru aktar konformi mal-ħtiġijiet tan-negozji***; |

Or. fr

**Emenda 663**
**Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; ***jenfasizza li l-edukazzjoni ta' kwalità għandha tkun inklussiva, effettiva u kapaċi tirrispondi għas-suq tax-xogħol u għall-ħtiġijiet soċjetali;*** jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 664**
**Marian Harkin, Ivo Vajgl**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; ***jenfasizza li l-aċċess universali għall-broadband huwa komponent kruċjali għall-implimentazzjoni ta' dan id-dritt;*** jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 665**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali***, il-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija ekoloġika u ċirkolari kif ukoll ħiliet trasversali u soċjali***; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 666**
**Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; | 18. Jappoġġja Garanzija tal-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jikseb ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali ***imma wkoll ħiliet ta' reżiljenza***; jenfasizza li dan huwa investiment soċjali importanti, li jeħtieġ finanzjament adegwat; |

Or. en

**Emenda 667**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jipproponi li l-livell massimu ta' impjiegi jsir objettiv tal-EPSR;*** |

Or. es

**Emenda 668**
**Jonás Fernández**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jemmen li l-EPSR għandu japplika għall-ħaddiema kollha, inkluż dawk li mhumiex ċittadini tal-UE;*** |

Or. es

**Emenda 669**
**Verónica Lope Fontagné, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rata ta' parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol mill-komunità Rom; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol li għandhom l-NGOs speċjalizzati fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva 2000/78/KE;*** |

Or. es

**Emenda 670**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jesprimi tħassib qawwi dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa mill-Kummissjoni u l-impatt li dawn kellhom fil-gwida tar-riformi fix-xogħol li ddestabilizzaw is-suq tax-xogħol fl-Istati Membri;*** |

Or. it

**Emenda 671**
**Deirdre Clune**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jitlob li l-inizjattiva Ġenerazzjoni 50+ fil-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali tiġi implimentata malajr u b'mod sħiħ biex jiġi żgurat aċċess ġust għas-suq tax-xogħol kif ukoll aċċess għal appoġġ għat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet għall-persuni qiegħda mdaħħla fl-età u fit-tul;*** |

Or. en

**Emenda 672**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta'*** | *imħassar* |

***kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li:***

***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja;***

***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;***

Or. fr

**Emenda 673**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *19. **Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li:*** | ***imħassar*** |
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li*** | |

***jikkonċernaw il-familja;***

***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;***

Or. en

**Emenda 674**
**Morten Løkkegaard, Martina Dlabajová, Alexander Graf Lambsdorff, Ulrike Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li:*** | ***imħassar*** |
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja;*** | |
| ***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;*** | |

Or. en

**Emenda 675**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi";*** jenfasizza l-importanza li ***jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; ***iqis, b'mod partikolari, li:*** | 19. Jenfasizza l-importanza li ***tiġi pprovduta*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. de

**Emenda 676**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi";*** jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet ***istituzzjonali u baġitarji*** biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. de

**Emenda 677**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jinsab imħasseb dwar ***it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"***; jenfasizza l-importanza li ***jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. Jinsab imħasseb dwar ***l-użu ħażin u l-abbuż eżistenti ta' kuntratti tal-impjieg "mhux standard"; iqis li dawn il-kuntratti jistgħu joffru għodda effettiva għall-ħaddiema biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u għal kumpaniji biex iwieġbu għal bidliet fid-domanda; jitlob li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE bħad-Direttiva dwar ix-Xogħol B'Terminu Fiss, id-Direttiva dwar ix-Xogħol Part-time u d-Direttiva dwar ix-Xogħol Temporanju Permezz ta' Aġenzija jiġu ssorveljati bir-reqqa***; jenfasizza l-importanza li ***fil-livell tal-Istati Membri tiġi żgurata*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 678**
**Arne Gericke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi";*** jenfasizza l-importanza ***li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. jenfasizza l-importanza ***ta'*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 679**
**Csaba Sógor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv*** ta' kuntratti "atipiċi"***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata*** għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. ***Jiġbed l-attenzjoni għat-tixrid fl-użu*** ta' kuntratti "atipiċi" ***u l-ħtieġa li jitqiesu modi kif tista' tingħata l-protezzjoni adegwata*** għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 680**
**Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni ***f'forom*** ta' xogħol ***mhux standard***; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. ***Jinnota li forom flessibbli ta' arranġamenti ta' xogħol jippermettu lill-ħaddiema jibbilanċjaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u privata tagħhom; jenfasizza li kwalunkwe forma "atipika" ta' kuntratt m'għandhiex tiġi abbużata u toħloq il-prekarjetà***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni ***fil-forom kollha*** ta' xogħol; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 681**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Jinsab imħasseb dwar ***it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv*** ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed ***kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu*** protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li:

*Emenda*

19. Jinsab imħasseb dwar ***l-użu abbużiv*** ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li:

Or. en

**Emenda 682**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. ***Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni ***f'forom ta' xogħol mhux standard***; iqis, b'mod partikolari, li:

*Emenda*

19. ***Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-użu ta' tipi differenti ta' kuntratti u jtejbu l-portabbiltà tad-drittijiet soċjali***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni ***fil-forom kollha ta' impjieg, relazzjonijiet tax-xogħol u impjieg indipendenti***; iqis, b'mod partikolari, li:

Or. en

**Emenda 683**
**Enrique Calvet Chambon, Yana Toom, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Jinsab imħasseb dwar ***it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv*** ta'

*Emenda*

19. Jinsab imħasseb dwar ***in-nuqqas ta' stabbiltà u sigurtà ta' forom ġodda ta'***

| | |
|---|---|
| kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | ***arranġamenti kuntrattwali u l-użu abbużiv*** ta' kuntratti "atipiċi" ***li wasslu għal ċertu għajbien tar-relazzjonijiet tax-xogħol, li jagħmilha diffiċli għall-ħaddiema biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fuq ix-xogħol, jew biex jiksbu aċċess għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali; jenfasizza li varjetà ta' kuntratti ta' impjieg għandhom ikunu disponibbli għall-impjegaturi u għall-ħaddiema***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 684**
**Notis Marias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. ***Jinsab imħasseb dwar*** it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. ***Jiddeplora*** t-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. el

**Emenda 685**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu ***eċċessiv*** ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta ***f'ħafna każijiet*** mill-użu ***ħażin*** ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. pt

**Emenda 686**
**Kostadinka Kuneva**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi" ***li qed jiġu ffaċilitati mhux biss mill-qgħad għoli imma wkoll mid-deregolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol statutorju fl-Istati Membri;*** jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. el

**Emenda 687**
**Marita Ulvskog, Ole Christensen, Miapetra Kumpula-Natri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' | 19. Jinsab imħasseb dwar it-tixrid ta' |

| | |
|---|---|
| prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi"; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: | prekarjetà li jirriżulta mill-użu eċċessiv ta' kuntratti "atipiċi" ***b'mod speċjali dak li jaffettwa n-nisa u l-migranti***; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet istituzzjonali u baġitarji biex jipprovdu protezzjoni adegwata għal persuni f'forom ta' xogħol mhux standard; iqis, b'mod partikolari, li: |

Or. en

**Emenda 688**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 689**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li*** | ***imħassar*** |

***jikkonċernaw il-familja;***

Or. de

**Emenda 690**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 691**
**Morten Løkkegaard, Martina Dlabajová, Alexander Graf Lambsdorff, Ulrike Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 692**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jiġi*** mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà ***tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja***; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jiġu*** mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà; |

Or. de

**Emenda 693**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. ***l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali*** jridu ***jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha*** jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. ***il-ħaddiema kollha*** jridu ***jkunu kapaċi*** jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. nl

**Emenda 694**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| a. ***l-iskemi*** tal-assigurazzjoni soċjali ***jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema*** kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu ***sigurtà tad-dħul*** f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. ***l-Istati Membri għandhom jorganizzaw skemi*** tal-assigurazzjoni soċjali ***b'tali mod li l-ħaddiema*** kollha ***jkunu jistgħu*** jakkumulaw drittijiet li jipprovdu ***dħul*** f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. de

**Emenda 695**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema*** kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà ***tad-dħul*** f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ***ix-xogħol part-time involontarju jew*** waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jkunu applikabbli għall-ħaddiema*** kollha ***biex jippermettulhom*** jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja***, pensjoni, problemi ta' saħħa***; |

Or. en

**Emenda 696**
**Arne Gericke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| a. ***l-iskemi*** tal-assigurazzjoni soċjali ***jridu jiġi mwessa'*** sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li | a. ***l-Istati Membri jipprovdu skemi adegwati*** tal-assigurazzjoni soċjali sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha |

| | |
|---|---|
| jipprovdu ***sigurtà tad-dħul*** f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | jakkumulaw drittijiet li jipprovdu ***protezzjoni kontra l-faqar*** f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. en

**Emenda 697**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jiġi*** mwessa' sabiex jippermettu ***lill-ħaddiema*** kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu ***jiġu*** mwessa' sabiex jippermettu ***lill-persuni*** kollha ***fil-forom kollha ta' impjieg, relazzjonijiet tax-xogħol u impjieg indipendenti*** jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. en

**Emenda 698**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal |

| | |
|---|---|
| raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw ***il-familja***; | raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw ***il-kura***; |

Or. en

**Emenda 699**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad***, ix-xogħol part-time involontarju*** jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. en

**Emenda 700**
**Arne Gericke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; ***jitlob ir-rikonoxximent tax-xogħol li jagħmlu l-ġenituri meta jrabbu t-tfal;*** |

Or. de

**Emenda 701**
**Maria João Rodrigues, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; | a. l-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali jridu jiġi mwessa' sabiex jippermettu lill-ħaddiema kollha jakkumulaw drittijiet li jipprovdu sigurtà tad-dħul f'sitwazzjonijiet bħalma huma l-qgħad, ix-xogħol part-time involontarju***, l-anzjanità*** jew waqfiet mill-karriera għal raġunijiet ta' taħriġ jew li jikkonċernaw il-familja; |

Or. en

**Emenda 702**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 703**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 704**
**Morten Løkkegaard, Martina Dlabajová, Alexander Graf Lambsdorff, Ulrike Müller**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 705**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 706**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali***, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu*** jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali ***u dritt iggarantit li joffrilhom il-faċilità tal-aċċess li jippermettilhom*** jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom***, kemm jekk fil-post fiżiku tas-sigurtà soċjali kif ukoll bl-użu tal-ħafna teknoloġiji diġitali ġodda u varjati***; |

Or. pt

**Emenda 707**
**Danuta Jazłowiecka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli ***permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone***, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli ***wkoll*** b'mod faċli ***b'mezzi elettroniċi billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità***, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; |

Or. en

**Emenda 708**
**Tom Vandenkendelaere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| b. ***il-ħaddiema*** kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. ***il-persuni*** kollha ***fil-forom kollha ta' impjieg, relazzjonijiet tax-xogħol u impjieg indipendenti*** għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; |

Or. en

**Emenda 709**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web ***aċċessibbli*** u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; |

Or. en

**Emenda 710**
**Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività ***personali***, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività ***professjonali***, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; |

Or. en

**Emenda 711**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Agnes Jongerius, Joachim Schuster, Emilian Pavel, Maria Arena, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet ***akkumulati*** soċjali tagħhom ***u drittijiet soċjali oħra, inkluż għal tagħlim tul il-ħajja; għandha tiġi żgurata l-protezzjoni adegwata tad-data***; |

Or. en

**Emenda 712**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom***, sakemm huwa ġġustifikat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u ma jkun hemm l-ebda problemi legali ta' ostakolu***; |

Or. de

**Emenda 713**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom***, sakemm huwa ġġustifikat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u ma jkun hemm l-ebda problemi legali ta' ostakolu***; |

Or. de

**Emenda 714**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom; | b. il-ħaddiema kollha għandu jkollhom kont ta' attività personali, aċċessibbli b'mod faċli permezz ta' sit web u/jew applikazzjoni fuq smartphone, fejn huma jistgħu jikkonsultaw id-drittijiet soċjali tagħhom***, b'mod partikolari fir-rigward tal-portabbiltà tagħhom***; |

Or. nl

**Emenda 715**
**Arne Gericke, Ulrike Trebesius, Anthea McIntyre, Helga Stevens**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza li l-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol m'għandhiex tiġi għad-detriment tad-drittijiet tal-ħaddiema; jemmen li l-bilanċ bejn il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-kapaċità li individwi u impjegaturi jaqblu b'mod volontarju dwar modi kif jaħdmu li jaqblu mal-ħtiġijiet tagħhom it-tnejn, se jżid il-livelli ta' parteċipazzjoni minn gruppi li mill-bqija kienu jkunu esklużi mis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 716**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt ba (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ba. id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, li tfittex li tipprevjeni l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti għal terminu fiss, għandha tissaħħaħ u tiġi infurzata taħt kull arranġament u fis-setturi kollha ta' attività;*** |

Or. pt

**Emenda 717**
**Maria João Rodrigues, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Elena Gentile, Maria Arena, Georgi Pirinski, Joachim Schuster, Agnes Jongerius, Emilian Pavel, Evelyn Regner, Flavio Zanonato, Guillaume Balas, Edouard Martin, Siôn Simon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 – punt ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ba.	pjattaformi diġitali u intermedjarji oħra għandu jkollhom l-obbligu li jirrapportaw ix-xogħol kollu mwettaq minnhom lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-iżgurar ta' kontribuzzjonijiet adegwati u protezzjoni permezz ta' assigurazzjoni soċjali u tas-saħħa għall-ħaddiema kollha, anke jekk jaħdmu f'perjodi qosra;*** |

Or. en

**Emenda 718**
**Joëlle Mélin, Mara Bizzotto, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***20.	Jirrimarka li tranżizzjonijiet professjonali siguri jeħtieġu investiment adegwat, kemm fil-kapaċità istituzzjonali tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi kif ukoll biex jassistu fit-tfittxija individwali u titjib tal-kompetenzi;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 719**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20.	Jirrimarka li tranżizzjonijiet professjonali ***siguri*** jeħtieġu investiment adegwat, kemm fil-kapaċità istituzzjonali tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi kif ukoll biex jassistu fit-tfittxija individwali u titjib | 20.	Jirrimarka li tranżizzjonijiet professjonali jeħtieġu investiment adegwat, kemm fil-kapaċità istituzzjonali tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi kif ukoll biex jassistu fit-tfittxija individwali u titjib tal- |

| | |
|---|---|
| tal-kompetenzi; | kompetenzi; |

Or. en

**Emenda 720**
